



Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, is-17 ta' Diċembru 2020

L-Istituzzjonijiet tal-Awditjar Ewropej jiġbru flimkien ix- xogħol li wettqu fir-rigward taç- çibersigurtà

Billi l-livell ta' theddida f'dak li jirrigwarda ç-çiberkriminalità u l-attakki çibernetiçi kien qed jiżdied matul dawn l-añhar snin, l-awdituri fl-Unjoni Ewropea kollha qed jagħtu aktar attenzjoni għar-reżiljenza tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-infrastrutturi diġitali kritiçi. Il-Kompendju tal-Awditjar dwar iç-çibersigurtà, li ġie ppubblikat illum mill-Kumitat ta' Kuntatt tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tal-UE, jipprovdri ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-awditjar rilevanti li huma wettqu f'dan il-qasam.

L-inçidenti çibernetiçi jistgħu jkunu intenzjonali jew mhux intenzjonali u jvarjaw mid-divulgazzjoni aççidentali ta' informazzjoni għal attacchi fuq negozji u infrastruttura kritika, is-serq ta' data personali, jew saħansitra interferenza fi proçessi demokratiçi, inklużi elezzjonijiet, u kampanji ġenerali ta' diżinformazzjoni biex jiġu influwenzati d-dibattiti pubbliçi. Iç-çibersigurtà kienet diġà kritika għas-soçjetajiet tagħna qabel ma dawn intlaqtu mill-COVID-19. Iżda l-konsegwenzi tal-pandemija li qed niffaççaw se jkomplu jaggravaw it-theddidi çibernetiku. Ħafna attivitajiet kummerçjali u servizzi pubbliçi ttrasferew minn ufficiçi fiżiçi għal telexogħol, filwaqt li l-“aħbarijiet foloz” u t-teoriji ta' komplot infirxu aktar minn qatt qabel.

Il-protezzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-infrastrutturi diġitali kritiçi kontra l-attakki çibernetiçi għalhekk saret sfida strateġika li dejjem qed tikber għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-mistoqsija ma għadhiex jekk l-attakki çibernetiçi humiex se jseñħu, iżda kif u meta se jseñħu. Dan jikkonçerna lilna lkoll: individwi, negozji u awtoritajiet pubbliçi.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinçipali tal-kompendju tal-awditjar maħruġ mill-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“Il-kriżi tal-COVID-19 ittestjat in-nisġa ekonomika u soċjali tas-soċjetajiet tagħna. Minħabba d-dipendenza tagħna fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni, “kriżi ċibernetika” tista’ tassew tispiċċa tkun il-pandemija li jmiss”, qal il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), Klaus-Heiner Lehne. “It-tfittxija għall-awtonomija diġitali u l-iffaċċar tal-isfidi kkawżati minn theddid ċibernetiku u minn kampanji ta’ diżinformazzjoni esterni bla dubju se jkomplu jkunu parti mill-ħajja tagħna ta’ kuljum u se jibqgħu fuq l-aġenda politika fl-10 snin li jmiss. Għalhekk huwa essenzjali li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar is-sejbiet tal-awditjar reċenti f’dak li jirrigwarda ċ-ċibersigurtà fl-Istati Membri kollha tal-UE.”

Għaldaqstant, reċentement is-SAIs Ewropej iffukaw ix-xogħol tal-awditjar tagħhom fuq iċ-ċibersigurtà, b’fokus partikolari fuq il-protezzjoni tad-*data*, it-tnejjija tas-sistemi għal attacchi ċibernetiċi, kif ukoll il-protezzjoni ta’ sistemi essenzjali ta’ utilitajiet pubbliċi. Dan għandu jsejtni f’kuntatt li fih l-UE għandha l-għan li ssir l-ambjent diġitali l-aktar sikur fid-dinja. Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà għadhom, fil-fatt, kif ippreżentaw [Strateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE](#) ġdida, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tal-Ewropa kontra t-treddid ċibernetiku.

Il-*Kompendju* ppubblikat illum jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar iċ-ċibersigurtà, l-inizjattivi strateġiċi prinċipali u l-bażijiet ġuridiċi rilevanti fl-UE. Huwa juri wkoll l-isfidi prinċipali li qed jiffaċċaw l-UE u l-Istati Membri tagħha, bħat-treddid għad-drittijiet taċ-ċittadini individwali tal-UE permezz tal-użu ħażin tad-*data* personali, ir-riskju għall-istituzzjonijiet li ma jkunux jistgħu jwasslu servizzi pubbliċi essenzjali jew li jiffaċċaw prestazzjoni limitata b’segwitu għal attacchi ċibernetiċi.

Il-*Kompendju* jibbaża fuq ir-riżultati tal-awditi li twettqu mill-QEA u mis-SAIs ta’ 12-il Stat Membru tal-UE: id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja u l-Iżvezja.

Informazzjoni ġenerali

Dan il-*Kompendju* tal-awditjar huwa prodott tal-kooperazzjoni bejn is-SAIs tal-UE u dawk tal-Istati Membri tagħha fi ħdan il-qafas tal-Kumitat ta’ Kuntatt tal-UE. Huwa mfassal biex ikun sors ta’ informazzjoni għal kull min hu interessat f’dan il-qasam ta’ politika importanti. Attwalment dan huwa disponibbli bl-Ingliż fuq is-[sit web tal-Kumitat ta’ Kuntatt](#) tal-UE, u aktar tard se jkun disponibbli f’lingwi oħra tal-UE.

Din hija t-tielet edizzjoni tal-*Kompendju* tal-Awditjar maħruġ mill-Kumitat ta’ Kuntatt. L-ewwel edizzjoni dwar il-[Qgħad fost iż-żgħażaġħ u l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol](#) ġiet ipubblikata f’Ġunju 2018. It-tieni waħda dwar is-[Saħħa pubblika fl-UE](#) nħarġet f’Diċembru 2019.

Il-Kumitat ta’ Kuntatt huwa assemblea awtonoma, indipendenti u mhux politika tal-kapijiet tas-SAIs tal-UE u ta’ dawk tal-Istati Membri tagħha. Huwa jipprovdi forum biex jiġu diskussi u indirizzati kwistjonijiet ta’ interess komuni relatati mal-UE. Billi jsaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-membri tiegħu, il-Kumitat ta’ Kuntatt jikkontribwixxi għal awditjar estern effettiv u indipendenti tal-politiki u l-programmi tal-UE.

Kuntatt għall-istampa

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502